TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 39/17/F

**Dominic Andrew u Claudette Spencer**

**vs**

**Hamilton Travel**

Illum 25 ta' Lulju, 2017

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fit-13 ta' Marzu, 2017 fejn ir-rikorrenti talbu danni ta' elf u ħames mitt ewro (€1,500), rappreżentanti diversi nuqqasijiet li sabu fuq il-cruise tal-MSC Preziosa.

Is-soċjeta' ntimata ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba, u attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huma l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tas-soċjeta' ntimata li huma rappreżentanti tas-soċjeta' ntimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettew bil-miktub illi huma kienu marru cruise fejn sabu diversi nuqqasijiet illi skont huma kienu jikkonsistu fuq is-segwenti:

Illi kienu ħallsu elf ewro (€1,000) oħra żejda biex ikollhom kamra bil-gallarija u minħabba li l-gallarija kellha qisha xkaffa, kellhom jagħlqu l-bieb għax it-tifla kienet ser titla' fuq din l-ixkaffa;

Illi sabu żarbun ta' xi ħadd ieħor, purtiera mqatta' u xi pockets tal-cards ta' dawk li kienu qabilhom;

Illi kien hemm boat thrust li kienet tagħmel ħafna storbju meta kien jorbot fil-port u meta pruvaw jużaw it-toilets li jkun hemm available madwar il-vapur, kienet ibblukkjat is-sistema tad-drenaġġ.

L-intimat issottometta illi huma kienu ħallsu elf ewro (€1,000) żejda minħabba l-fatt illi kellhom il-gallarija u li setgħu jużawha faċilment.

Illi rigward l-istorbju tal-boat trust, it-Tribunal jinnota li din hija xi ħaġa normali fuq kull cruise liner u ma tistax tevitha u għar-rigward l-indafa, kienu jmorru jnaddfu ta' spiss u li għalhekk ma jistax ikun li sabu dak li sabu.

It-Tribunal, jinnota li l-MSC huwa cruise liner mill-aqwa u li meta jagħmlu adverts fuqu għandu livell qawwi u allura tkun diżappuntat meta jkollok diversi nuqqasijiet.

Għar-rigward il-boat trust, kif diġa' qal it-Tribunal din hija xi ħaġa tipika ta' cruise liner u li ma tistax issolviha u f'kull cruise liner tinqala', u għalhekk ma jistax jilqa' dik it-talba.

Rigward l-indafa, it-Tribunal għalkemm jinnota li l-kamra forsi kienet nadifa, kien hemm diversi nuqqasijiet u rigward l-użu tal-gallarija minħabba li kienet bl-ixkaffa u forsi mhux kif kienet murija fil-brochure, pero' xorta jirriżulta li kellhom gallarija pero' mhux kif xtaqu huma.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti *in parte*, u jordna lis-soċjeta' ntimata tħallas l-ammont ta' ħames mitt ewro (€500), u bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' ntimata.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**